

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-18 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu**

(Kawża C-273/08) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2001/81/KE — Inkwinanti atmosferiċi — Livelli nazzjonali ta' emissjonijiet — Nuqqas li jiġi kkomunikati programmi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet, inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet u projezzonijiet annwali għas-sena 2010)

(2009/C 44/36)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Rozet u A. Alcover San Pedro, aġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentant: C. Schiltz, aġent)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jfassal u jikkonmika, fit-termini stabbiliti, id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 tad-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2001, dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, p. 22)

## Dispożittiv

- 1) Peress li ma kkomunikax lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fit-terminu previst, il-programmi, l-inventarji u l-projektazzonijiet annwali għas-sena 2010 li jikkonċernaw it-tnaqqis progressiv tal-emissjonijiet tiegħi tad-dijossidu tal-kubrit ( $SO_2$ ), tal-ossidi nitroġeni ( $NO_x$ ), ta' komposti organiċi volatili (VOC) u tal-ammonja ( $NH_3$ ), il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħi taħt id-Direttiva 2001/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2001, dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi.

- 2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 209, 15.8.2008.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-22 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Finlandja**

(Kawża C-328/08) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/35/KE — Responsabbiltà ambjentali — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2009/C 44/37)

Lingwa tal-kawża: Il-Finlandiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u I. Koskinen, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: A. Guimaraes-Purokoski, aġent)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzonijiet neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, p. 56).

## Dispożittiv

- 1) Billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.
- 2) Ir-Repubblika tal-Finlandja hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 236, 13.9.2008.